DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR210499** **10.03.2021**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

L-Ispeaker Anġlu Farrugia jagħmel referenza għal rapporti li dehru fil-media dwar kif jiġi applikat l-Artikolu 4(5) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372) li jgħid li huwa għandu, wara talba bil-miktub minn xi Membru tal-Kamra jew mill-editur responsabbli għal gazzetta reġistrata taħt l-Att dwar l-Istampa, jagħti d-dettalji tal-income tax iddikjarati minn xi Membru, liema dettalji jkunu ġew mgħoddija lilu mill-Kummissarju għat-Taxxa. L-istess provvediment jgħid ukoll li qabel ma jagħti dak it-tagħrif l-Ispeaker għandu jinnotifika lil dak il-Membru li d-dettalji tal-income tiegħu jkunu qed jiġu mitluba, b'kopja ta' dik it-talba kif ukoll tal-informazzjoni li tkun ser tingħata.

L-Ispeaker jixtieq jikkjarifika li x-xogħol meħtieġ biex jintlaqgħu dawn it-talbiet u biex jiġu notifikati l-Membri kkonċernati jiddependi fuq l-ammont ta' tagħrif li jkun qed jintalab, fuq jekk fl-Uffiċċju tiegħu tkunx waslet l-informazzjoni li tkun qed tintalab, u wkoll fuq xogħol ieħor parlamentari li jkun jeħtieġ l-attenzjoni tal-Uffiċċju tiegħu. L-Ispeaker hawnhekk jinnota li huwa veru li biex ingħatat l-informazzjoni fir-rigward ta' żewġ talbiet—waħda minn *LovinMalta* u oħra minn *MaltaToday*—li kienu qed jitolbu d-dettalji tal-Membri kollha tal-Kamra, jiġifieri kemm dawk sedenti kif ukoll dawk li m'għadhomx membri tal-Kamra li kienu jammontaw għal iżjed minn 75, għaddew kważi xahrejn.

Madankollu jinnota wkoll li żewġ talbiet oħra, waħda mit-*Times of Malta* mibgħuta fl-4 ta' Jannar 2021 dwar Membru tal-Gvern, u oħra minn *One* mibgħuta fit-2 ta' Marzu 2021 dwar sitt Membri tal-Oppożizzjoni, ġew imwieġba l-għada.

L-Ispeaker Anġlu Farrugia jinnega bil-qawwa kollha li huwa jew l-Uffiċċju tiegħu għadda xi informazzjoni fir-rigward ta' xi Membru qabel ma dak il-Membru ġie nnotifikat kif dovut jew mhux skont kif provdut fl-Artikolu 4(5) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt